Minuti tal-Laqgħa Nru. 14 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tnejn, 1 ta' Frar 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Progress
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MIL-MINUTI

**Laqgħat tal-Kunsill**

2.1 Il-Kunsillier Hewitt semma li l-laqgħat qed isiru wisq viċin. Huwa qal jekk tistax issir schedule fuq bażi ta sena sħiħa. Is-Sindku qal lill-Kunsilliera biex għalhekk kulħadd jibgħat schedule u jagħi l-availabilities tiegħu u minn hemm ikun jista jsir kalendarju.

**Bilboards**

2.2 Fuq il-bilboards is-Sindku semma li huwa se jmexxi bl-azzjoni fuqhom. Il-Kunsillier Hewitt li fuq is-Sur Orsini kien sab li dan kellu kumpanija tal-marketing ġo Birkirkara. Is-Sindku qal li huwa ma jaqbilx li tittieħed azzjoni fil-konfront tiegħu għax il-Kunsill jista jidher li għandu xi interessi.

2.3 Is-Sindku qal li huwa se jmexxi permezz tal-MEPA biex tittieħed azzjoni minn naħa tagħhom fuq il-każ billi diġa hemm enforcement.

**Ħamiem**

2.4 Is-Sindku semma li l-kontroll fuq il-ħamiem diġa inbeda fejn dan qed isir filgħodu. Il-Kunsillier Chetcuti qal li diġa sar darba u tneħħew mal-200 ħamiema mix-Xatt.

2.5 Il-Kunsillier Chetcuti semma li hemm ħafna ħamiema fejn id-Duck's Village ta' Manoel Island.

2.6 Il-Kunsillier Cardona semma li l-area fejn qed ikun hemm il-ħamiem qed ikun hemm bowls bl-ikel tal-qtates li dan ikompli jattira l-ħamiem li jkun qed ifittex l-ikel. Is-Sindku qal li nistgħu nkellmu lill-sid l-art u jekk hemm bżonn nitolbu permess biex nidħlu.

## 3.0 KORRISPONDENZA

**Parkeġġ**

3.1 Is-Sindku semma li kellu laqgħa mat-TM fejn tkellem fuq il-problema tal-parkeġġ u anki l-bus shelter li kien hemm milqut. Huwa semma li fuq il-parkeġġi se nkellmu lill-Baruni biex insemmulu l-proposta li jkun hemm waħda mill-artijiet tiegħu li tintuża bħala parkeġġ.

3.2 Is-Sindku semma li huwa tkellem mal-Ministru Konrad Mizzi fuq l-art li hemm fejn il-Blue Sisters biex hemhekk isir parkeġġ speċjalment peress li hemm bħalissa l-proġett tal-Kappara Junction u dan se joħloq problema għar residenti peress li se jonqos xi parkeġġ minn xi inħawi. Huwa semma li jkun jista shuttle service biex in-nies iwassalhom fejn jaħdmu jew inkella viċin fejn joqgħodu. Is-Sindku qal li din se ssir bħala proġett pilota.

3.3 Il-Kunsilliera Schembri qalet li dan jista jsir filgħodu jew inkella waqt il-ħin tax-xogħol.

3.4 Il-Kunsillier Hewitt semma li biex din tirnexxi nistgħu nitkellmu mal-kumpaniji li jħaddmu in-nies fejn anki noffrulhom li jħallsu ammont ta flus li bih jibbukkjaw numru ta' parkeġġi.

3.5 Il-Kunsillier Galea semma li hemm art kbira wara l-Milano Due lio tista tkun tajba biex isir parkeġġ fiha.

**Bus Shelter**

3.6 Il-Kunsillier Galea semma li hemm bus shelter fi Triq l-Msida li dan għandu bżonn jitneħħa anki peress li dan għandu ħġieġa mkissra.

**Attivita Kulturali**

3.7 Is-Sindku semma li fuq l-applikazzjoni tal-attivitajiet kulturali għadna qed nistennew x' inhuma r-riżultati biex inkunu nistgħu inkomplu nikkordinaw.

**Xogħolijiet u lmenti**

3.8 Is-Sindku li fejn il-pumping station hemm ħajt li huwa perikoluż.

3.9 Is-Sindku semma li fuq it-tappiera li hemm quddiem il-Milano Due irridu nsibu żewġ ħaddiema li jkunu jistgħu jagħmlu din il-biċċa xogħol.

**Manoel Island**

3.10 Il-Kunsillier Hewitt saqsa jekk nistgħux niltaqgħu mas-CEO ta' Manoel Island biex naraw x possibilitajiet hemm anki f' każ li jkun hemm bżonn tittieħed azzjoni. Is-Sindku semma li diġa konna ltqajna miegħu fis-Sajf fejn dawn issuġerilna biex nagħmlu aktar attivitajiet magħhom.

3.11 Il-Kunsillier Hewitt semma li hemm postijiet minhom li huma pubbliċi fuq Manoel Island. Is-Sindku semma li huwa kien qallu li jrid ikun hemm parti li tkun apposta biex ir-residenti jmorru jgħumu hemm. Din trid tkun individwata u mmarkata apposta.

3.12 Is-Sindku semma li tista terġa ssir laqgħa flimkien miegħu.

**Sotto Kumitati**

3.13 Il-Kunsillier Galea semma li huwa kien urtat fuq ittra li ntbagħtet lill-persuni b' diżabilta li kienet differenti minn dik li kien bagħat huwa fejn fiha semma l-Kunsilliera Galea wkoll. Kien hemm diskussjoni bejn iż-żewġ Kunsilliera fuq il-mod kif jistgħu jorganiżżaw l-attivitajiet bejniethom. Is-Sindku issuġġerrixxa li l-aħjar mod jkun li jiltaqgħu lkoll flimkien biex jinstab kompromess.

**Shelter ta Żmien il-Gwerra**

3.14 Is-Sindku semma li kien ikkuntattjah ċertu David Borg li għandu shelter li dan lest li jiftħu għall pubbliku. Huwa qallu li kellu bżonn li jsir survey fuqu. Is-Sindku semma li huwa jaf xi persuni tal-Heritage Malta u li jista javviċinahom biex jagħtu parir kif dan jista jkun miftuħ għall pubbliku u jkun managed.

**Reserved Parkings**

3.15 Is-Sindku semma li kien hemm korrispondenza minn naħa tar-Reserved Parking Panel.

**Il-Kunsilliera Schembri u l-Kunsillier Hewitt avżaw lis-Sindku biex jiskużahom fis-7.30 pm.**

**4 PROGRESS**

**Traffic Management**

4.1 Is-Sindku semma li fuq it-traffic management il-Ministru Mizzi kien issuġġerilu biex isir public consultation mar-residenti.

4.2 Il-Kunsillier Galea qal li Triq Carlo Manche se ssir petizzjoni minn naħa tar-residenti bis-sitwazzjoni li kien hemm preżenti. Is-Sindku qal li din il-problema bdiet minn meta kien rama it-tower crane, imbagħad kompliet tigrrava wara li kien inbidel il-parkeġġ minn naħa tat-TM.

4.3 Is-Sindku semma li rridu nsibu sistema li naraw triq, triq x ikun hemm bżonn li jsir.

4.4 Il-Kunsillier Galea semma fuq tat-traffic management jekk nistgħux flok laqgħa ikun hemm avviż li jintwera fuq il-Gażżeti. Is-Sindku qal li nistgħu naraw biex isir avviż imbagħad minn ikollu interess iressaq is-suġġerimenti tiegħu.

**Tenders**

4.5 Il-Kunsillier Hewitt saqsa jekk ħarġux it-tenders li kienu issemmew fil-minuti preċedenti. Is-Segretarju qal li huwa stess se jibgħat l-avviż biex dan jiġi ippubblikatt fil-Gażżetta.

4.6 Is-Sindku semma li huwa kellu laqgħa mal-Onor. Dr. Buontempo fuq il-każ tal-knies ġewwa l-Gżira. Waqt il-laqgħa kien diskuss li l-aħjar bħalissa jinbeda s-servizz fuq żmien ta' tlett xhur bi prova.

4.7 Il-Kunsilliera qablu li jinbeda s-servizz tal-knies minn naħa tal-Cleansing u għalhekk il-Kunsill kien se jara l-proċedura biex jiġi terminat il-kuntratt li kellu l-Kunsill fil-preżent mal-kuntrattur tal-knies.

4.8 Is-Sindku semma li huwa jixtieq li il-Gżira ikun hemm persuna kapaċi bħala handyman u persuna oħra kapaċi bħala contracts manager li tkun qed iddur fuq barra biex tara fejn hemm l-irregolaritajiet speċjalment fejn ikunu qed isiru x-xogħolijiet.

4.9 Il-Kunsillier Hewitt qal li din id-deċiżjoni tħoll u torbot mar-riżorsi li għandu l-Kunsill. Is-Sindku qal li s' issa il-ħaddiema li kienu jiffurmaw parti mill-ETC kienu għadhom mal-Kunsilli Lokali.

4.10 Is-Sindku qal li fil każ tal-contracts manager dan irid ikun ukoll ikkwalifikat biex jara fejn hemm nuqqasijiet fuq siti tal-kostruzzjoni u affarijiet oħra.

4.11 Is-Sindku qal li dan jista jkun forma ta monitoring officer fuq il-postijiet fejn ikunu qed isiru x-xogħol u jirraporta fejn jara irregolaritajiet imbgħad minn hemm il-Kunsill jieħu azzjoni.

4.12 Il-Kunsillier Hewitt semma li din is-sistema taħdem effettivament flimkien mas-sistema tal-customer care, fejn jidħlu l-compaints u jkun jista jsir follow up fuqhom. Huwa qal li kif inhi s-sistema bħalissa din mhux tajba. Huwa qal li kien għaddha xi complaints li dawn ma ġewx segwiti peress li kien hemm work load kbira fil-Kunsill. Huwa semma li l-contracts manager irid ikollu sistema li biha jkun jista jsegwi.

4.13 Is-Sindku semma li meta noħorġu s-sejħa għall din il-persuna nistgħu nikkordinaw flimkien mal-persuna li eventwalment tintgħażel biex ikun hemm sistema effettiva.

4.14 Kien hemm qbil minn fost il-Kunsilliera kollha li jkun hemm żewġ persuni bħala handyman u monitoring officer.

**Ħaddiema tal-Kunsill**

4.15 Is-Sindku semma li fuq il-każ tas-Sinjura Marion Monaco huwa kellem lill xi persuni mill-OPM li se jkomplu jinvestigaw fuq il-każ sabiex hija tkun assenjata mal-Kunsill Lokali. Huwa qal li se nistennew risposta.

4.16 Is-Sindku semma li l-impjegata tal-Kunsill Denise Vella kienet qed tħawwad ħafna fix-xogħol tagħha u mhux qed taqbel mal-flus meta tiġi biex tagħmel ir-rikonċiljazzjoni tal-ġurnata. Huwa semma li l-Kunsill se jkollu jieħu azzjoni drastika fil-każ tagħha u fejn hemm bżonn din tiġi replaced.

**Attivita tal-Karnival**

4.17 Il-Kunsillier Cardona semma li kienet se ssir xi attivita rigward il-Karnival. Is-Sindku qal li dan kien imsiefer u ma kienx jaf biha qabel..

4.18 Il-Viċi Sindku semma li kienu avviċinawh grupp ta nies li jħobbu l-Karnival fejn qalulu li se jorganiżżaw attivita fuq it-tema tal-Karnival. Huma qalulu li xtaqu jtellgħu serata li fiha jissemma l-Kunsill Lokali wkoll. Huma qalulu li l-attivita kienet ippjanata li ssir l-Orpheum.

4.19 Il-Kunsilliera Schembri saqsiet jekk l-Orpheum kellux xi konnesjoni mal-Partit Laburista.

4.20 Il-Viċi Sindku semma li hawnhekk kienu saru attivitajiet mill-Partit Laburista imma dan il-post kien inxtara minn naħa tal-Partit.

4.21 Il-Kunsillier Hewitt semma li huwa se jżomm l-istess opinjoni li kellha l-Kunsilliera Schembri.

4.22 Is-Sindku semma li kien magħżul dan il-post peress li huwa wieħed mill-akbar postijiet li hemm fil-Gżira.

4.23 Il-Kunsillier Chetcuti qal li aħna mhux qed niddeċiedu fuq il-post imma qed naraw jekk aħna hux se nagħtu xi forma ta koperazzjoni li dawn il-persuni li qed jorganiżżaw l-attivita.

4.24 Il-Kunsillier Hewitt semma li din kull darba qed tkun problema anki peress li ma nafux x budget għandu l-Kunsill fuq diversi aspetti.

4.25 Is-Sindku semma li huwa stess qed jagħmel pressjoni mal-accountant biex dan ilesti u dan jinsab miexi b' ritmu tajjeb fuq xogħolu.

4.26 Il-Kunsilliera Schembri qalet li jkun hemm diversi attivitajiet matul is-sena li nkunu nafu li ġejjin u għalhekk jeħtieġ li nibdew nippjanawhom minn qabel u nallokkaw ħin għalihom u anki finanzi.

4.27 Wara diskussjoni fuq l-attivita konċernata kien hemm qbiel mill-Kunsill kollu li ma tingħata l-ebda forma t' għajnuna fuq din l-attivita.

**Proġett tax-Xatt**

4.28 Is-Sindku semma li fuq is-substation li kienet se ssir fil-Ġnien saret oġġezzjoni minn naħa tal-Kunsill. Huwa semma li fid-19 ta' Frar kien se jsir il-Bord. Huwa qal li għall dakinhar se jkun hemm xi ħadd preżenti minn naħa tal-Kunsill.

4.29 Is-Sindku semma li fuq il-Monument li kellu jsir lil Albert Rizzo kien hemm il-permess minn naħa tal-MEPA.

**Inċident**

4.30 Is-Sindku tkellem fuq il-każ tal-inċident li sar viċin Muscat Motors li kien reġa kellmu l-vittma fuqu. Is-Sindku semma li huwa kien qallu li jekk iħoss li għandu jkompli jipproċedi jista jkellem avukat fuq il-każ u jikteb lill-Kunsill.

**5 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-pagamenti.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2015 fit-8.15 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss peress li se jsiru fuq schedule apposta.

Konfermati llum _______________________ 2016.

_____________________ _____________________

Conrad Borg Manché
Sindku

Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv